MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tad-9 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 354/2011

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' l-attrici li permezz tieghu qed titlob li z-zwieg li hija kkuntrattat mal-konvenut fl-1 ta' Gunju 1990 jigi dikjarat null u bla effett leagli ai termini tal-artikolu 19 subartikolu 1 paragrafu (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta wara li ppremettiet illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga jew stante li kien hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-partijiet li jwettqu l-obbligi essenzjali taz-zwieg.

Rat li b'sentenza preliminari tat-28 ta' Gunju 2012 din il-Qorti iddikjarat li l-kontumacja tal-konvenut kienet

gustifikata u awtorizzatu jipprezenta risposta guramentata wara l-iskadenza tat-terminu impost bil-ligi.

Rat illi ciononostante l-konvenut baqa' ma pprezentax rispota guramentata.

Rat illi fis-seduta tal-20 ta' Novembrui 2012 deher il-konvenut u iddikjara li ma kienx qed jopponi ghat-talbiet attrici.

Rat il-provi imressqa mill-attrici u n-nota ta' osservazzjonijiet taghha.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat.

**Provi.**

L-attrici xhedet illi hija ltaqet mal-konvenut meta kien ghad ghandha sittax-il sena. Il-konvenut kien jixrob u kellu l-vizzju tal-loghob. Kien dipendenti fuq il-loghob tal-karti u kien jilghab flusu fuq dan il-vizzju. Meta l-genituri tal-attrici skoprew dan huma oggezzjonaw ghar-relazzjoni ta' bejn il-partijiet u ma ridux lill-attrici tibqa' tohrog mal-konvenut. Il-genituri tal-attrici kienu oggezzjonaw ukoll minhabba li l-konvenut kien disa' snin aktar mill-attrici. L-attrici pero' kompliet tohrog mal-konvenut kontra r-rieda tal-genituri taghha. Meta l-genituri raw li l-attrici kienet intezjonata li tibqa' b'din ir-relazzjoni huma accettaw lill-konvenut jidhol fid-dar taghhom.

L-attrici spjegat li dak iz-zmien ghalkemm kien qata' l-vizzju tal-loghob tal-karti pero' xorta baqa' jixrob u dan kienet tafu ghaliex meta kienet tiltaqa' mieghu jew imur id-dar tal-genituri taghha hija kienet tosserva li wiccu u ghajnejh kienu homor hafna u kien ikollu riha ta' xorb fuqu. Meta kienet tistaqsih jekk xorobx kien jghidilha li xorob erba' flixken birra.

Ir-relazzjoni taghhom kompliet u zviluppat ghal wahda intima ghalkemm il-genituri taghha baqghu jinsistu li tidhol

lura d-dar mat-tmienja u nofs ta’ filghaxija. L-unika hin twil li kienu jqattghu flimkien kien il-Hadd wara nofsinhar peress li kienu jqattghuh id-dar tal-genituri tal-konvenut jilghabu l-karti ma’ hutu u jaraw it-televizzjoni. Il-hadd filghodu il-konvenut kien iqattghu jixrob.

Ftehmu li jizzewgu fl-1 ta’ Gunju 1990 izda l-attrici tirrakkonta kif il-problema tax-xorb tal-konvenut kompliet taggrava aktar ma bdiet toqrob id-data tat-tieg.

L-attrici tghid hekk dwar l-ahhar hames xhur qabel il-partijiet izzewgu:

“Hames xhur qabel iz-zwieg kelli party tax-xoghol u wara li domt nistennih, gie ghalija fis-sakra. Dak il-hin kellna glieda kbira u wara li qaghad izieghel bija iddecidejna li nikru taxi u mmorru l-party xorta wahda. Wara ftit li wasalna hemmhekk rega' kellna glieda ohra peress li hu ried ikompli jixrob. Minn hemmhekk bdew jidhluli d-dubji jekk kontx se nizbalja nintrabat fiz-zwieg ma' dan ir-ragel u fil-fatt ghamilna gimgha miggildin peress li dawn il-hsibijiet ma setghux johorguli minn mohhi.
Wara dik il-gimgha iddecidejt li nkompli bil-pass taz-zwieg peress li missieri kien diga' hallasli d-deposits kollha tat-tieg. Peress li kont qed nibza' nghid lil missieri li rega' bdieli ghax bzajt li jitlef il-flus kollha li kien hallas, ergajt ghamilt kuragg u komplejt ir-relazzjoni tieghi ma' C.
F' dawk l-ahhar hames xhur ippruvajt kemm nista' nzomm relazzjoni tajba mieghu ghax it-tieg kien dejjem qed joqrob avolja d-dubji baqghu dejjem f' mohhi. Kont ftaht qalbi ma' kugina tieghi li minn naha taghha kienet wissietni biex intemm ir-relazzjoni tieghi minn ma' C, imma jiena bqajt ninsisti li peress li missieri kien diga' hallas id-deposits tat-tieg issa kien tard wisq.
Wara din l-okkazjoni z-ziju tieghi, li jigi missier din l-istess kugina, kien kellem lil missieri dwar kif kont qed inhossni jiena. Missieri kien affrontani fuq dan il-fatt u staqsieni x' kien qed jigri, imma jiena bqajt dejjem nichad li bejnietna kien hemm xi tip ta' problemi jew li jiena kelli dawn id-dubji.
Meta waslet il-gurnata tat-tieg kelli 'mixed feelings'. Minn naha kont kuntenta li kont se nwettaq il-holma ta' hajti

bhal ma jkollu kulhadd, li nilbes il-libsa tat-tieg u jkolli l-attenzjoni kollha fuqi ghal gurnata. Ghalija kienet qisha fairytale. Minn naha l-ohra xorta kelli certu biza' jekk hux se naghmel pass tajjeb imma mbaghad iddecidejt li la wasalt s' hawn ikolli niehu dan ir-riskju. Illum il-gurnata meta nhares lura nhoss li ma kontx matura bizzejjed ghal dan il-pass, ta' dik l-eta' zgur li ma kontx naf xi jfisser zwieg."

L-attrici tkompli tispjega li fl-ewwel sena u nofs taz-zwieg il-hajja matrimonjali ta' bejniethom kienet normali sakemm twieldet l-ewwel tarbija u rega beda l-inkwiet "ghax beda jmur il-kazin ta' kuljum u jigi lura f'nofs il-lejl". "Meta kont nilmenta li l-hrug tieghu sar wisq frekwenti u li kien qed idum wisq barra, kien igib skuza li dejjem ghandu xi kompetizzjoni l-kazin stess, daqqa tal-billiards, tad-darts u affarijiet ohra. Kien jghidli li hu ghandu bzonn l-izvog tieghu ukoll. Kien zied hafna fl-ammont tax-xorb, in fatti beda jixtri l-inbid bil-garra. Nista' nghid li kien jixrob garra inbid kull jumejn. Kull garra kienet tesa' sebat ifliexken inbid. Meta t-tifla kienet waslet biex taghlaq sena rega' beda bil-vizzju tax-xorb. Jiena kont nigbidlu l-attenzjoni li qed jixrob wisq u li ghandu problema imma hu kien jghidli li kont jien li kelli problema b'mohhi. Wara sena u seba' xhur mit-twelid tat-tifla kellna argument u r-ragel tieghi telaq mid-dar ghall-ewwel darba u dam jumejn ma jirritorna lura."

Meta l-ewwel wild kellha madwar erba' snin il-partijiet kellhom it-tieni tarbija. Mat-twelid tat-tieni tarbija il-konvenut kien rega inbidel ghall-ahjar izda gheluq is-sena il-vizzju tax-xorb rega hakem lill-konvenut din id-darba ghar minn qabel. Il-konvenut telaq mid-dar aktar minn darba u jerga jirritorna. L-attrici kienet tahfirlu bit-tama li l-konvenut ma jergax jaqa' fil-vizzju tax-xorb. Dan ix-xenarju jirrepeti ruhu diversi drabi.

Meta l-attrici weldet it-tielet tarbija ghal darb' ohra l-affarijiet dehru li irrangaw izda wara ftit xhur rega beda l-inkwiet bejniethom. Il-konvenut kien spiss ibiddel il-post tax-xoghol tieghu sakemm spicca bla xoghol. L-attrici bi tlett itfal zghar kienet kostretta tohrog tahdem izda l-

konvenut kien jimpediha milli taghmel dan ghaliex ma ridiex tersaq lejn irgiel ohra minhabba attitudni esagerata ta' ghira. Is-suspetti kontinwi li kellu l-konvenut ma jirrizultax li kellhom xi fondament.

Biex ikollha xi dhul l-attrici spiccat taghmel xoghol ta' tindif ghand in-nies.

Dan kollu wassal lill-attrici f'disperazzjoni u f'sitwazzjoni psikologika hazina hafna tant li waslet biex sahansitra taghmel attentat ta' suwicidju.

Wara li harget mill-isptar l-attrici marret tghix ghand il-genituri taghha ghal ftit zmien. Meta l-affarijiet dehru li irritornaw ghan-normal il-partijiet regghu irritornaw flimkien id-dar ma' flimkien ma' uliedhom izda ftit wara rega beda id-disgwid bejniethom u l-konvenut rega telaq mid-dar.

Xhedet ukoll missier l-attrici illi ikkorrobora diversi episodji rakkontati fix-xhieda tal-attrici.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

**L-Azzjoni Attrici.**

L-attrici qed titlob li z-zwieg taghha minn mal-konvenut jigi dikjarat null ghaliex skond l-atttrici il-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga. jew stante li kien hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-partijiet li jwettqu l-obbligi essenzjali taz-zwieg;

**KUNSENS VIZJAT B'DIFETT SERJU TA' DISKREZZJONI TA' GUDIZZJU.**

L-artikolu 19 (1) (d) tal-Att Dwar iz-Zwieg, Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi zwieg huwa null jekk l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija

psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Biex l-azzjoni attrici tirnexxi trid qabel xejn tipprova li:

1. Il-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mezzewga; u/jew
2. Il-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b’anomalija psikologia serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Jinghad mill-ewwel illi ma ngabu l-ebda provi li l-konvenut fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg tal-partijiet kien ibaghti minn anomalija psikologika serja u ghalhekk din it-tieni parti tal-premessa in dizamina ma tirrizultax ippruvata.

Fir-rigward tal-ewwel parti tal-premessa ai termini tal-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap.255 biex tirnexxi l-azzjoni attrici jehtieg qabel xejn tipprova li:

i) Il-kunsens tal-konvenut kien vizzjat
ii) B’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju
iii) Fuq il-hajja mizzewga, jew
iv) Fuq id-drittijiet u d-dmirijiet tal-hajja mizzewga.

Minhabba li l-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 ghandu l-gheruq tieghu fil-Kodici Kanoniku spiss fil-gursprudenza nostrana rigwardanti kawzi dwar annullament taz-zwieg issir referenza ghall-gurisprudenza u awturi dwar id-dritt kanoniku rilevanti. Diskrezzjoni ta’ gudizzju hija spiss riferuta fil-gurisprudenza bhala “disretio judicii”.

Gie diversi drabi ritenut li d-decizzjoni li wiehed jizzewweg tirrikjedi qabel xejn li wiehed jaghmel apprezzament ta’ xi jfisser li wiehed jghix hajja mizzewga, bid-drittijiet u l-obbligi li tali decizzjoni timporta. Permezz tal-kawza odjerna l-attrici qed titlob id-dikjarazzjoni ta’ nullita’ taz-zwieg civili taghha minn mal-konvenut. Ghalhekk huwa

imperativ li dwar x'inhuma d-drittijiet u l-obbligi ta' koppja mizzewga wiehed ihares lejn il-ligi civili kif regolat permezz tal-Kodici Civili. Fl-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta insibu elenku tal-jeddijiet u d-dmirijiet li jitnisslu miz-zwieg.

Proprju fl-ewwel artikoli ta' dan il-Kodici, intitolat "**Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet tar-Ragel u l-Mara Lejn Xulxin**" jinghad hekk:

"Artikolu 2. (1) Il-ligi tippromwovi l-ghaqda u l-istabbilita' tal-familja.

(2) Il-mizzewgin ghandhom jeddijiet indaqs u jerfghu responsabbiltajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom. Ghandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin u li jieqfu ma' xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment.

Artikolu 3. Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hilha taghhom, li jahdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu ghall-htigiet tal-familja"

Fix-xoghol tieghu "**The Nullity of Marriage for reason of insanity or lack of due discretion of judgment" Egan EM (1983)** jispjega illi d-diskrezzjoni ta' gudizzju fir-rigward tal-kunsens ghaz-zwieg trid tkun proporzjonali ghaz-zwieg innifsu.

**Gramunt u Wauck** fix-xoghol taghhom "**Moral certitude and the collaboration for the court expert in cases of consensual incapacity" (1986)** jispjegaw dwar id-diskrezzjoni ta' gudizzju "It requires more than what is necessary to take out a mortgage or enter into a business contract, enlist in military service, or be fit to stand trial, but not more than adults ordinarily possess".

**John L Young** fl-istudju tieghu intitolat "**Understanding Due Discretion of Judgment in Catholic Marriage Courts (1991)** " ippubblikat fil-Journal of the American Academy of Psychiatry and the Law (Bull Am Acad

Psychiatry Law, Vol. 19, No.2, 1991 jispjega illi “discretion of judgment…. Presumes having and duly exercising an ability to look well beyond the present moment in order to make a serious and lifelong pledge. This capacity is present in proportion to the individual’s ability to weigh and choose prudently, to accept good advice, to reason clearly, to learn from experience, to formulate sensible goals, and to display qualities of foresight, insight, circumspection, deliberation and appreciation.”

Young jispjega x’ghandu jkun l-ezercizzju tal-gudikant fl-analizi tad-diskrezzjoni ta’ gudizzju ta’ koppja li tersaq ghaz-zwieg:

“One can look for demonstration of an ability to appreciate and respect the partner as a person. One can ask how the parties intended to work out the various decisions about their relationship. This might include such issues as the values they did and did not expect to share, and whether they disclosed their vulnerabilities and their feelings about relationships outside their marriage. Where the parties ready to give and to accept exclusive possession of their bodies, and to cast their material fortunes together for life? …”

Din id-dottrina hija riflessa fis-sentenza **“Parties Atkins Charles vs. Atkins Matilde”** moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta’ Ottubru 2003. Jinghad hekk:-

“Il-kuncett ta’ *discretio judicii* ma jirrikjediex maturita’ shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta’ dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe’ ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita’ affettiva u cjoe’ dak kollu li ghandu x’jaqsam ma’ l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta’ xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b’xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mil-ligi.”

Fis-sentenza “**Melanie Borg Cachia vs. C Borg**” deciza fid-29 ta’ Mejju 2004 gie spjegat li d-difett fid-diskrezzjoni

ta' gudizzju irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga.

(Ara wkoll: **WT vs. KR** deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fit-28 ta' Gunju 2012; **John Micallef Engerer vs. Corinne Camilleri** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Ottubru 2002).

Ikkonsidrat;

Ix-xhieda tal-attrici hija mizghuda b'episodji dwar l-agir tal-konvenut illi juri li ghalkemm fl-ewwel xhur taz-zwieg huwa kien jidher li bidel l-attitudni tieghu u kkontrolla l-vizju tax-xorb, fil-verita' jirrizulta li l-vizzju kien baqa' mieghu tant illi ftit wara rega lura ghall-vizju li kellu. Il-vizzju tax-xorb impedixxa lill-konvenut milli jaghti kunsens validu ghall-kontrattazzjoni taz-zwieg ghaliex pogga lill-konvenut f'posizzjoni li ma kienx possibbli li jassumi id-doveri ta' ragel mizzewweg. Il-vizzju tax-xorb u l-obbligi ta' persuna mizzewga ma humiex kompatibbli ma' xulxin. Ta' l-ewwel jimpedixxi l-ezekuzzjoni tat-tieni.

Ghalkemm ma jirrizultax li fil-mument li l-partijiet kienu qed jizzewgu il-konvenut kien xurban, pero' il-Qorti hi tal-fehma li tant il-vizzju tax-xorb hakem lill-konvenut illi poggih fl-impossibilta' li jassumi l-obbligi ta' ragel mizzewweg.

Jidher bic-car illi dawk l-episodji intermittenti fil-hajja tal-partijiet wara z-zwieg fejn il-konvenut kien jidher li tbieghed mill-vizzju tax-xorb, gia' ezistenti qabel iz-zwieg, ma kienx fil-verita' fejqan permanenti minn tali vizzju izda semplicement soppressjoni temporanja b'rizultat ta' distrazzjoni kagunata mit-twelid ta' ulied il-partijiet. Tant hu hekk illi immankabilment, il-perijodi ta' sobrjeta' tal-konvenut kienu jsegwu l-perijodi immedjetament wara t-twelid ta' xi wiehed jew wahda minn ulied il-partijiet li pero' tali sobrjeta' ma kenitx ittul wisq.

Il-Qorti hawn tirrileva li ghall-finijiet ta’ ezami jekk zwieg hux null jew le, dak li hu verament rilevanti huwa iz-zmien li fih il-partijiet ikkuntrattaw iz-zwieg u dan ghall-finijiet sabiex wiehed jezamina il-kunsens li l-partijiet suppost kienu qed jaghtu lil xulxin. Ghal tali fini huwa ghalhekk rilevanti hafna ezami tal-komportament tal-partijiet sew qabel izzewgu kif ukoll wara li zzewgu u dan sabiex wiehed ikun jista’ jislet u jevalwa l-istat tal-kunsens rispettiv tal-partijiet waqt li kienu qed jizzewgu. Il-fatt li l-konvenut kien gia ivvizjat qabel iz-zwieg u tali vizzju kompla wara z-zwieg ghandu valur probatorju sufficjenti sabiex jeskludi fil-konvenut kunsens validu ghall-finijiet tal-kontrattazzjoni matrimonjali. Persuna mahkuma mill-vizzju tax-xorb m’ghandiex il-kapacita’ li tassumi l-obbligi ta’ persuna mizzewga.

**DECIDE**.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara li z-zwieg civili ikkuntrattat bejn il-partijiet fl-1 ta’ Gunju 1990 huwa null u bla effett ai termini tal-artikolu 19 (1) (d) tal-Att Dwar iz-Zwieg, Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Tordna sabiex issir l-annotazzjoni relativa fl-att taz-zwieg tal-partijiet fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------